MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 319/1987/1

**Il-Prim Ministru, il-Ministru tat-Turizmu, l-Agent Kummissarju tal-Art, u Albert Agius Ferrante, Chairman tal-Management Committee tal-Mediterrenean Conference Centre**

**v.**

**Andrew James Creighton; Christopher John Forbes; Romano Pio Benedecto Malocca; Raymond Ernest Cave u b'digriet tat-22 ta' Frar 1988 Dr Graham Busuttil u Prokuratur Legali Marie Paris gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Raymond Ernest Cave fil-kwalita` tieghu, f'ismu proprju u ghan-nom in rapprezentanza tal-kumpanija estera Diahatsu**

**(U.K.) Ltd; u Dr Victor Borg Grech u P.L. George Scicluna b'digriet tal-14 ta' April 1987 nominati kuraturi biex jirraprezentaw il-kumpanija estera Laser Point Limited; u b'digriet tas-17 ta' Lulju 2009 il-P.L. George Scicluna gie sostitwit bil-P.L. Liliana Buhagiar; and by a decree of the 5th May 1988 Doctor of Laws Ivan Gatt and P.L. Mario Mifsud Bonnici were nominated curators to represent the defendant Christopher John Forbes and by a decree of the 5th May 1988, Doctor of Laws Marco Griscti and Legal Procurator Carmen Depasquale were nominated curators to represent Romano Pio Benedecto Malocco u u b'digriet tas-17 ta' Lulju 2009 l-Avukat Marco Griscti gie sostwit bl-Avukat Patrick Valentino; and by a decree of the 5th May 1988, Doctor of Laws Jose` Herrera and Legal Procurator Anthony Farrugia were nominated curators to represent defendant Andrew James Creighton; u b'digriet tas-17 ta' Lulju 2009 il-P.L. Anthony Farrugia gie sostitwit bil-P.L. Hilda Ellul Mercer; u b'digriet tat-28 ta' Frar 2008 gew estromessi l-Avukat Dott. Graham Busuttil u l-P.L. Marie Paris biex jirraprezentaw lil Daihatsu UK Limited u assuma l-atti minflokhom l-Avukat Dott. Louis Cassar Pullicino u bl-istess digriet l-isem Daihatsu UK Limited gie sostitwit bl-isem MFPS Limited[1]**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**Verbal**

B'verbal tas-16 ta' April 2008 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (fol. 668) l-Avukat Dott. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` konvenuta Daihatsu U.K. Limited talab li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet formali billi l-eccezzjoni

[1] L-okkju hu riprodott kif jirrizulta mill-ewwel faccata tal-process kif ukoll mir-rikors tal-appell, cioe` b'xi partijiet bl-Ingliz flok bil-Malti. Jidher li dan gara ghax f'xi stadji l-proceduri kienu qed jigu kondotti bl-Ingliz, flok bil-Malti kif suppost, a beneficcju tal-konvenuti jew xi whud minnhom. Dan il-fatt ma jincidi b'ebda mod fuq is-sustanza u l-meritu ta' dan l-appell. Qieghda tizdied ukoll il-korrezzjoni ordnata bid-digriet tat-28 ta' Frar 2008 (fol. 667) li ghal xi raguni ma gietx riflessa a fol. 1 – il-Qorti tal-Appell.

originarjament sollevata mill-kuratur tal-elenku kienet limitata fis-sens li ma kienx edott mill-fatti u ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom interess li jressqu eccezzjonijiet legali u formali dwar il-mertu tal-kaz.

L-Avukat Dott. Peter Grech ghall-atturi oppona din it-talba peress illi s-socjeta` konvenuta kienet giet notifikata bic-citazzjoni fl-1987 u llum, illi f'din il-kawza nghalqu l-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza, m'huwiex permissibbli illi jigu prezentati eccezzjonijiet u provi godda.

Il-Qorti b'digriet ta' dakinhar stess iddecidiet li billi l-Avukat Cassar Pullicino dahal fil-kawza ftit xhur ilu, fic-cirkostanzi laqghet it-talba u awtorizzatu jipprezenta l-eccezzjonijiet formali fi zmien ghoxrin gurnata[2].

B'digriet iehor tat-28 ta' Mejju 2008 l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-atturi ghar-rikonsiderazzjoni tal-imsemmi digriet izda tat il-permess lill-atturi biex jappellaw mill-imsemmi digriet.

**Rikors tal-Appell tal-atturi.**

L-atturi appellaw b'rikors datat 30 ta' Mejju 2008 fejn talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-digriet fuq imsemmi tas-16 ta' April 2008, u konsegwentement tordna l-isfilz tan-nota ta' eccezzjonijiet prezentata mill-mandatarju tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta`.

L-aggravji tal-appellanti fil-qosor huma s-segwenti:

Illi l-konvenuti gew awtorizzati bid-digriet imsemmi li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet f'din il-kawza u dan wara li ghal izjed minn ghoxrin sena huma ghazlu li ma jkunx prezenti f'dawn il-proceduri u injoraw u zvijaw lill-Qorti bl-atteggjament taghhom kontra dak li jipprovvdi l-Kodici ta' Procedura, u bla ma l-atturi setghu jkunu a konoxxenza tal-veri eccezzjonijiet taghhom hlief issa wara li huma ghalqu l-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

[2] L-eccezzjonijiet gew prezentati fit-8 ta' Mejju 2008 a fol. 671.

Il-konvenuti – komplew iffissru l-atturi – qed jitolbu li jipprezentaw l-provi taghhom f'dan l-istadju permezz ta' affidavits ta' persuni residenti barra minn Malta li bl-ebda mod ma indikaw li dawn huma lesti li jigu Malta sabiex isirilhom l-kontro-ezami. L-atturi jillanjaw li jekk l-imsemmi digriet jigi kkonfermat l-konvenuti se jiksbu vantagg processwali indebitu billi se jinghataw il-fakolta` li jipprezentaw mhux inqas minn tlett noti tal-eccezzjonijiet u prattikament se jergghu jifthu l-kawza mill-gdid wara ghoxrin sena.

**Risposta ta' Dottor Victor Borg Grech et ghall-kumpanija Laser Point Limited.**

Il-kuraturi Dottor Victor Borg Grech et wiegbu li l-kumpanija minnhom rapprezentata giet *dissolved* fit-18 ta' Novembru 1997 u huma kienu infurmaw b'dan lill-ewwel Qorti pero` ma ttiehdet ebda azzjoni dwar dan[3]. Jghidu li fis-6 ta' Marzu 2001 fir-Renju Unit giet inkorporata kumpanija ohra bl-isem Laserpoint Ltd. li evidentement m'hiex dik konvenuta f'dawn il-proceduri, ghalhekk huma llum m'ghandhomx *locus standi* f'din il-kawza.

**Risposti ta' Dottor Jose` Herrera bhala kuratur ta' Andrew James Creighton u Dr. Ivan Gatt bhala kuratur ta' Christopher Forbes.**

Il-kuraturi Dr. Jose` Herrera u Dr. Ivan Gatt wiegbu li huma jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

**Risposta tal-Prokuratur Legali Carmen Depasquale in rappreżentanza ta' Romano Pio Malocco.**

Il-P.L. Carmel Depasquale wiegbet li hija qatt ma giet notifikata bl-att tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi u saret taf b'din il-kawza meta l-atturi talbu li jigu awtorizzati jintavolaw dan l-appell. Hija m'hiex edotta mill-fatti u

[3] Ara fol. 417 u 431.

ghalhekk tirrizerva li taghmel is-sottomissjonijiet taghha fi stadju ulterjuri.

**Risposta ta' Dr. Louis Cassar Pullicino ghas-socjeta` konvenuta Daihatsu (U.K). Ltd.**

Dr. Louis Cassar Pullicino noe wiegeb li d-digriet tas-16 ta' April 2008 huwa gust u jimmerita li jigi konfermat pjenament. Skond l-Artikolu 728(2) tal-Kap. 12 il-Qorti kellha s-setgha li tawtorizzah jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, u l-Qorti ezercitat dik is-setgha wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi tal-kaz u semghet lill-partijiet. L-appellat ikompli jghid li l-atturi appellanti qed jippruvaw icahhdu lill-esponenti milli jressqu l-eccezzjonijiet u provi taghhom u dan wara li huma damu snin shah itawwlu dawn il-proceduri u minn 1987 ghalqu l-provi biss f'Mejju 2007 meta talbu lill-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza minghajr ma nvitaw lill-Qorti tiddifferixxi l-kawza ghall-provi tal-konvenuti. Huma diga` ghandhom affidavits lesti ta' xhieda barranin li jkunu disponibbli sabiex jixhdu in kontro-ezami. Ighid li huma f'dan l-istadju biss li qed jipprezentaw eccezzjonijiet ta' natura sostantiva billi l-kuraturi kienu eccepew biss li ma kienux edotti mill-fatti.

L-appellat Dr. Cassar Pullicino jikkonkludi li t-talba tieghu ma kienitx intiza bhala manuvra biex jizvija lill-ewwel Qorti imma saret biex s-socjeta` minnhu rapprezentata tinghata l-opportunita` li jkollha smiegh xieraq u tressaq il-provi sottomissjonijiet taghha in sostenn tad-difiza taghha.

**Fatti**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-atturi appellanti, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun qabel xejn opportun illi taghti sfond fil-qosor tal-fatti mertu ta' dan l-appell.

Illi c-citazzjoni odjerna kienet giet prezentata fl-1987 u gew notifikati l-konvenuti kollha, fosthom lill-Raymond

Ernest Cave[4], kemm personalment kif ukoll bhala rapprezentant tas-socjeta` Daihatsu (UK) Ltd. Dan Cave kien ipprezenta zewg noti ta' eccezzjonijiet separati, wahda fil-kapacita` tieghu personali (a fol. 26 sa 45 tal-process) u ohra kif imharrek ghan-nom tas-socjeta` msemmija (a fol. 46 sa 56 tal-process) fejn f'din l-eccezzjoni wiegeb li hu ma kellux rapprezentanza guridika tas-socjeta` Daihatsu (UK) Ltd. Sussegwentement l-azzjoni kontra tieghu personalment giet rinunzjata mill-atturi (ara fol. 58) u in segwitu permezz ta' nota a fol. 63A l-Avukati ta' Ernest Cave[5], irrinunzjaw il-patrocinju tal-klijent taghhom, in kwantu mharrek in rapprezentanza ta' Daihatsu (UK) Ltd. Wara gie nominat l-Avukat Dr. Graham Busutill u l-P.L. Marie Paris bhala kuraturi biex jirrapprezentaw l-imsemmija socjeta` (ara fol. 88) u dawn ipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom (ara fol. 110).

Fl-1988 kien gie nominat il-perit legali Dr. Tonio Mallia assistit minn periti teknici li kellhom ihejju rapport dwar l-incident in kwistjoni wara li jisimghu x-xhieda. Inzammu diversi seduti u fid-19 ta' April 2005 Dr. Tonio Mallia, li fil-frattemp lahaq Imhallef, kien kiteb lir-Registratur tal-Qorti fejn infurmah li hu kien zamm diversi seduti, pero` kien jidher li l-atturi ma kienux ghadhom ghalqu l-provi taghhom, u ghalkemm huwa kien talab hlas tad-drittijiet tieghu bhala perit legali, ma kienx ghadu thallas. Il-kawza giet differita diversi drabi ghall-hlas tar-rapport. Imbaghad fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 Dr. V. Buttgieg ghall-atturi talbet lill-Qorti li tivverifika biex tara thallasx il-Perit Legali, u fuq talba ta' Dr. J. Bonello, wkoll ghall-atturi, talab li l-kawza tmur ghas-sentenza u l-Qorti laqghet it-talba (ara fol. 652). Sussegwentement, fit-22 ta' Mejju 2007 (ara r-rikors a fol. 653) l-atturi talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-Perit Legali ikun jista' jipprezenta l-provi li gabar f'din il-kawza u sabiex il-kawza tissokta fl-*iter* normali taghha. Minflok il-kawza regghet marret ghas-sentenza. Imbaghad sar rikors minn Dr. Louis Cassar Pullicino fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza billi xi whud mill-konvenuti barranin li kienu

[4] Dan kien impjegat tas-socjeta` Daihatsu (ara fol. 21).
[5] Profs. Joseph M.Ganado u Doctor Albert Ganado.

rapprezentati fil-proceduri mill-kuraturi deputati nominati mill-Qorti, xtaqu jikkonsidraw il-posizzjoni taghhom. Il-Qorti kienet laqghet it-talba. Dr. L. Cassar Pullicino assuma l-atti f'isem is-socjeta` Daihatsu (UK) Ltd. (ara fol. 665) u b'digriet tat-28 ta' Frar 2008 (ara fol. 667) il-Qorti laqghet it-talbiet tieghu kontenuti fir-rikors datat 22 ta' Frar 2008 a fol. 663 biex il-kuraturi gew estromessi mill-kawza u l-isem ta' socjeta` Daihatsu UK Ltd jigi sostitwit ghal MFPS Limited[6]. Imbaghad fis-16 ta' April 2008 il-Qorti awtorizzat lil Dr. L. Cassar Pullicino jipprezenta l-eccezzjonijiet ulterjuri, liema digriet issa qed jigi kontestat.

**Konsiderazzjonijiet.**

Jirrizulta minn dawn il-fatti u mill-atti processwali li ghalkemm il-kawza illum ilha sejra tlieta u ghoxrin sena, proceduralment il-kawza ghadha mhux matura biex tithalla ghas-sentenza, u dan minhabba l-mod mill-aktar konfuz da parti tal-atturi (ara biss biss ir-ripetizzjoni ta' esebizzjoni tal-istess dokumenti ghal darba, tnejn, tlieta) kif mexxew il-kawza, li fi tlieta u ghoxrin sena jidher li l-atturi ghadhom lanqas ghalqu definittivament il-provi.

Fil-fatt jirrizulta li meta l-kawza thalliet darbtejn ghas-sentenza, l-atturi kienu ghadhom ghaddejjin bil-provi[7] u l-konvenuti ma kienux lanqas ressqu il-provi taghhom. Inoltre l-periti ma kienu pprezentaw ebda rapport imma giet esebita biss it-traskrizzjoni tax-xhieda li ngabret mill-perit legali. Bhala minimu, dak li kellha taghmel l-ewwel Qorti, ghalhekk, kien li l-kawza tigi differita biex jigu pprezentati r-rapporti <u>kollha</u> jew invece thalli l-kawza ghall-provi tal-konvenuti (kif rapprezentati) jew almenu li l-kawza tithalla ghas-sottomissjonijiet qabel tmur ghas-sentenza finali. Kien <u>f'dan l-istadju</u> li s-socjeta` konvenuta talbet li tipprezenta l-eccezzjonijiet ulterjuri taghha u t-talba giet milqugha mill-Qorti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-atturi m'humiex gustifikati li jilmentaw li bit-talba tal-konvenuti l-proceduri se jitwalu

---

[6] Ara nota *in calce* numru 1.

[7] Ara ittra tal-perit legali, illum l-Imhallef Tonio Mallia a fol. 607

meta huma damu tlieta u ghoxrin sena u bilkemm ikkonkludew il-provi taghhom. Lanqas ma jistghu jilmentaw li se jitressqu provi godda mis-socjeta` konvenuta, meta ma hemmx dikjarazzjoni li s-socjeta` konvenuta ghalqet il-provi taghha.

Min-naha l-ohra l-Qorti wkoll thoss li s-socjeta` konvenuta lanqas ma hija gustifikata li issa f’dan l-istadju titlob, wara tlieta u ghoxrin sena, u meta hija kienet dejjem rapprezentata mill-kuraturi, li tipprezenta nota ta’ eccezzjoni ulterjuri, meta ilha dan iz-zmien kollhu taf bil-kawza u ma ghamlet xejn. Is-socjeta` konvenuta kienet taf bil-kawza mill-bidu nett fl-1987 meta Ernest Raymond Cave, l-impjegat taghha, gie mharrek in rapprezentanza taghha, u pprezenta eccezzjonijiet f’isimha ghalkemm b’hafna riservi (ara fol. 46 sa 56). Is-socjeta` konvenuta kienet baghtet *telex* (ara fol. 20) fejn iddikjarat kategorikament lil dan Cave li *“You do not represent Daihatsu (UK) Ltd for any purpose including judicial proceedings and you are not authorised to accept service of judicial process. Maurice Rourke Managing Director Daihatsu (Uk) Ltd. 15.04.87”*. Imbaghad l-Avukati rrinunzjaw il-patrocinju ta’ Cave, li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta.

Wara li s-socjeta` Daihatsu baghtet it-*telex* lill-Cave, u wara li l-avukati kienu rrinunzjaw ghall-patrocinju, is-socjeta` konvenuta ma qabbdet ebda avukat biex jirrapprezentaha Malta f’din il-kawza u l-Qorti kellha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` Daihatsu kienet taf li kienet hekk rapprezentata u meta bdew jinstemghu il-provi quddiem il-periti, is-socjeta` konvenuta ma ghamlet xejn u baqghet gallerija. Huma pero` kienu jafu x’qed jigri kif jirrizulta mir-rikors li pprezenta Dr. Louis Cassar Pullincino fis-6 ta’ Dicembru 2007 (fol. 658). Fir-rikors hemm miktub li hu gie avvicinat minn ditta ta’ avukati Inglizi li talbuh[8] sabiex jipprezentalhom rapport dwar l-andament ta’ din il-kawza. Dr. Cassar Pullicino jghid li hu “inghata x’jifhem li

[8] Indikativ hu l-fatt li Dr. L. Cassar Pullicino jezercita l-professjoni tieghu fl-istess ufficcju tal-Avukat li kien jippatrocinja lill-impjegat tas-socjeta` konvenuta Ernest Cave.

dawn l-avukati esteri qed jaghtu pariri lil xi whud mill-konvenuti barranin citati f'din il-kawza li huma rapprezentati f'dawn il-proceduri mill-kuraturi deputati nominati mill-Qorti" (fol. 658). Hu evidenti li ghalkemm il-konvenuti, inkluza s-socjeta` Daihatsu, kienu jafu bil-prosegwiment ta' din il-kawza kien biss meta l-kawza baqghet ghas-sentenza li s-socjeta` Daihatsu qamet u talbet li tipprezenta l-eccezzjoni ulterjuri taghha. Din l-attitudni wahedha hija gja` abbuz tal-process gudizzjarju.

Is-socjeta` Daihatsu (illum MFPS Limited) qed tibbaza t-talba taghha fuq dak li tipprovdi l-ligi (Artikolu 728 tal-Kap. 12) li r-regola generali hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu, ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Imma l-Qorti tista' taghti d-dritt lill-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta. Il-fatt li konvenut ikun a konoxxenza tal-bazi li fuqha hu seta jqajjem tali eccezzjoni u ma jqajjimhiex, timmilita kontrih. (Ara. App. **Gatt v. Said** 23 ta' Frar 2001). Fil-fehma ta' din il-Qorti fil-kaz tas-socjeta` konvenuta rapprezentata minn Dott. Cassar Pullicino it-tort kien taghha jekk hija halliet sa l-ahhar biex titlob li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha fis-sustanza <u>meta kienet ilha taf bil-kawza mill-bidu nett fl-1987</u>. Tali attitudni hi wahda li ebda Qorti ma ghandha tittollera.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami mhux gust li wara tlieta u ghoxrin sena, u meta s-socjeta` konvenuta kienet rapprezentata minn kuraturi, u kienet taf bl-andament tal-kawza u baqghet gallerija, tigi issa awtorizzata tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri. Il-Qorti, pero`, se tipprovvdi biex l-kawza tibqa' biss ghall-provi kollha tas-socjeta` konvenuta u ghas-sottomissjonijiet taghha, u wara tithalla ghas-sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-atturi fis-sens fuq indikat u tirrevoka d-digriet fuq

imsemmi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' April 2008, tordna l-isfliz tan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri prezentata mill-mandatarju ta' socjeta` konvenuta u li jinsabu a fol. 671 sa 674, u tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex kemm is-socjeta` MFPS Limited kif ukoll, jekk ikun il-kaz, il-konvenuti l-ohra jressqu l-provi, fid-dawl ta' dak deciz f'din is-sentenza.

Spejjez ta' dan l-appell bin-nofs bejn l-atturi min-naha u MFPS Limited min-naha l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------